**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**vs.**

**Mark Anthony Randon**

Numru 78/2003

Illum 20 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mark Anthony Randon**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Mario u Christine Diacono, imwieled Sliema nhar is-17 ta' Gunju 1969, residenti gewwa numru 132, Valley Road, Birkirkara u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 232969(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioé fil-perjodu ta' bejn Jannar 1999 u Novembru 2002 lilek personali u fil-kapacita' tieghek bhala Direttur ta' Shield Services Limited[1],

[1] Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003 (*a fol.* 13 u 14), il-Prosekuzzjoni talbet li jizdiedu l-kliem "*lilek personali u fil-kapacita' tieghek bhala Direttur ta' Shield Services Limited*", liema talba giet milqugha fis-seduta msemmija (*a fol.* 12).

b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbigi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u cioé ffalsifika *Life Insurance Policies*, *Professional Indemnity Policies*, poloz ta' assigurazzjoni tal-kumpanija tal-Assigurazzjoni Citadel Insurance plc, u dokumenti ohra tal-assigurazzjoni tal-kumpanija assiguratrici Citadel Insurance plc, u kumpaniji assiguratrici ohrajn, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza msemmija fl-imputazzjoni (1) u cioé ghamel uzu minn *life insurance policies*, *professional indemnity policies*, liema poloz huma foloz, poloz ta' assigurazzjoni ohra foloz tal-kumpanija tal-assigurazzjoni Citadel Insurance plc, u kumpaniji tal-assigurazzjoni ohra, u dokumenti ohra foloz tal-assigurazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ghamel falsifikazzjoni ta' certifikati ta' assigurazzjoni *Life Insurance Policies*, *Professional Indemnity Policies*, u dokumenti ohra tal-assigurazzjoni jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, dan bi ksur ta' l-Artikolu 185(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. xjentement ghamel uzu mill-imsemmija certifikati ta' assigurazzjoni foloz, bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. ghamel falsifikazzjoni ta' certifikati ta' assigurazzjoni u xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm40,000[2] bi hsara ta' diversi persuni, ta' Citadel Insurance plc, Raymond Camilleri, Benchmark AdvospruLimited/Benchmark Trading Limited, Bank of Valletta plc, diversi kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u persuni ohra, dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioé ha u zamm ghandu flus ta' diversi klijenti ta' Citadel Insurance plc, Shields Services Limited *sub-agency* ta' Citadel Insurance plc, liema flus gew moghtija lilu bhala *sub-agent* ta' Citadel Insurance plc, bhala hlas ta' *premiums* ta' diversi poloz ta' assigurazzjoni, liema ammont ta' flus jeccedi l-Lm40,000[3], liema flus gew fdati u kkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, meta kien licenzjat mill-MFSA bhala *sub-agent* ta' Citadel Insurance plc, bl-isem ta' Shields Services Limited, dan bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[2] Ekwivalenti ghas-somma ta' €93,174.94.

[3] *Ibid.*

9. naqas li jhares xi ordni legittimu jew htiega legittima ta' l-awtorita' kompetenti, bi ksur ta' l-Artikolu 47(1)(d) tal-Kapitolu 404 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji ohra;

10. naqas li jhares xi ordni legittimu jew htiega legittima ta' xi persuna ohra maghmula taht l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji ohra u taht xi regoli jew regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, bi ksur ta' l-Artikolu 47(1)(f) tal-Kapitolu 404 tal-Ligiijet ta' Malta;

11. minghajr raguni xierqa biddel, zamm, heba, iddistrugga, jew irrifjuta li jipproduci xi dokument li hu legittimament mehtieg li jigi provdut minn xi persuna taht l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni jew xi regoli jew regolamenti maghmula bis-sahha tieghu, dan bi ksur ta' l-Artikolu 47(1)(g) tal-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li, *ai termini* ta' Artikolu 48(2) ta' l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji (Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex jittiehdu procedimenti kriminali kontra l-imputat talli kiser id-dispozizzjonijiet ta' l-Att imsemmi (Dok. "AG" – *a fol.* 42).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 446 *et seq.*) datata 9 ta' Gunju 2005 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali;
b. fl-Artikoli 18 u 184 tal-Kodici Kriminali;
c. fl-Artikoli 18 u 185 tal-Kodici Kriminali;
d. fl-Artikoli 18 u 186 tal-Kodici Kriminali;
e. fl-Artikoli 18 u 188 tal-Kodici Kriminali;
f. fl-Artikoli 18 u 189 tal-Kodici Kriminali;
g. fl-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali;
h. fl-Artikoli 18, 293, 294, u 310 tal-Kodici Kriminali;

i. fl-Artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 47(1)(d) tal-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 47(1)(f) tal-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta;
k. fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-Artikolu 47(1)(g) tal-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta;
l. fl-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 489 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduti tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 495) u tat-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 496), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 501) fejn il-Qorti kif preseduta nnotat li l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 446 *et seq.*) baqghu qatt ma gew moqrija u li l-ebda verbal ma kien jikkontjeni dikjarazzjoni li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 502), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u dan sar wara li l-Prosekuzzjoni ghamlet riferenza ghan-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-9 ta' Gunju 2005 (*a fol.* 446 *et seq.*).

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 502), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' Gunju 2005 (*a fol.* 446 *et seq.*), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 502), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u semghetu wkoll jiddikjara li ma kellux xhieda x'jipproduci.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 502), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali u dana minkejja li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 497) il-Prosekuzzjoni esprimiet ix-xewqa li tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha bil-kitba, liema talba giet milqugha u di fatti fis-seduta msemmija l-Prosekuzzjoni nghatat zmien sabiex tipprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet, liema Nota baqghet qatt ma giet ipprezentata.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017, is-sottomissjonijiet tad-difiza u tal-parte civile s-socjeta' Citadel Insurance plc (*a fol.* 504 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehdet l-Ufficjal Prosekutur is-**Supretendent gia Spettur Alexandra Mamo** (*a fol.* 15 *et seq.*) fejn spjegat li t-Taqsima ta' kontra l-Frodi rceviet rapport datat 20 ta' Gunju 2002 minn Ramon Mizzi fil-kapacita' tieghu ta' Chief Executive ma' Citadel Insurance. Tispjega li r-rapport jikkoncerna allegat kaz ta' frodi u dokument ta' polza ta' sigurta' falz li ntbaghat lil Bank of Valletta tal-fergha ta' Birkirkara biex jinhareg self minn Shield Services Limited. Spjegat x'ghamlet u fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti minnha. Ezebiet *specimen* ta' *life insurance policy* li giet immarkata bhala Dok. "AM" (*a fol.* 27 *et seq.*). Tixhed li fil-25 ta' Gunju 2002 marret ghand Shield Services Limited fejn sabet lill-imputat u peress li fuq il-*life policy* li kellhom il-Bank kien hemm ukoll it-timbru tas-Citadel illi kien falsifikat kif ukoll xi firma kienet falza wkoll, tat daqqa t'ghajn biex tkun tista' ssib xi timbru jew xi dokumenti relatati mal-kaz li gie rappurtat mis-Citadel Insurance pero t-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Tispjega li gie stabbilit li Shield Services Limited hija *liability company* li ghandha *share capital* ta' Lm500 li hija tal-imputat u ta' martu Michelle u li fid-19 ta' Gunju 2002 Citadel itterminat l-*appointment*

ta' Shield Services Limited bhala *sub-agent* taghha u li l-imputat kien ghadda xi certifikati tal-*motor insurance certificates* lil certu Roderick Grech ta' Selective Travel Ltd minghajr l-awtorita' kemm ta' Citadel kif ukoll ta' l-MFSA kif ukoll li l-*premiums* li suppost ngabru minn ghand il-*policy holders* ma ghaddewx lil Citadel skond l-obbligu li kien hemm.

Tispjega li filwaqt li l-ewwel kaz jirrigwarda l-poloz tal-*life insurance policy* falza f'isem Raymond Camilleri, it-tieni kaz jirrigwarda *professional indeminity policy* falza mahruga lil Benchmark Advisory Limited mibghuta lill-MFSA, mahruga mill-imputat fil-kapacita' tieghu bhala Direttur ta' Shield Services Limited. Fir-rigward tat-tielet kaz tghid li dan jirrigwarda misapproprjazzjoni ta' flus migbura minn Shield Services Limited bhala *sub-agent* ta' Citadel.

Tixhed li fil-kors tal-investigazzjonijiet kellmet lil Kenneth John Genovese li kien impjegat *part-time* ta' Shield Services Limited. Dan Genovese semmielha lil Roderick Grech, li wara li baghtet ghalih ikkonferma li hu Direttur u *shareholder* ta' Selective Travel Agency li tinsab f'Birzebbuga. Ezebiet ukoll is-segwenti dokumenti: certifikat (Dok. "AM 1" – *a fol.* 31 *et seq.*), stqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "AM 2" – *a fol.* 33 *et seq.*), *specimen* tat-timbru tas-Citadel Insurance fl-original tieghu (Dok. "AM 3" – *a fol.* 37), *specimen signature* ta' Ray Gibson (Dok. "AM 4" – *a fol.* 39), *specimen signature* tal-imputat u tal-inizjali tieghu (Dok. "AM 5" – *a fol.* 40).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehdet ukoll **Dr. Marisa Attard** (Direttur fl-*Insurance Business Unit* tal-MFSA – *a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjegat li Shield Services Limited kienet awtorizzata mill-Malta Financial Services Centre biex taghmel ir-rwol ta' *insurance sub-agent* u li l-ewwel awtorizzazzjoni li kellha kienet harget fit-18 ta' Gunju 1998. Tispjega li, in segwitu ta' dak li gie miktub mill-principal taghha s-Citadel, din giet *struck off* mir-Registru tal-kumpaniji u wara investigazzjonijiet, Shield Services Limited giet imnehhija mil-lista tas-*sub-agents* fis-26 ta' Lulju 2002. Tixhed li minn spezzjonijiet li saru minn spetturi tal-Awtorita' irrizulta li kien hemm *deficiency* fl-ammont ta' Lm29,513 bejn l-ammonti li kienu dovuti minn klijenti u flus li kellha l-kumpanija li kienu l-

Bank u ammonti li kellhom jinghataw lill-kredituri. Tghid li l-*accountant* ta' Shield ta lill-ispetturi tal-Awtorita' *a company's trial balance* sad-data tat-3 ta' Lulju 2003 fejn id-*deficiency* kiber ghal Lm37,729.45 minn Lm29,000. Mistoqsija meta kien li l-Awtorita' giet l-ewwel infurmata rigward xi irregolarijiet minn Shield Services Limited tghid li l-Awtorita' rceviet ittra minn ghand is-Citadel fid-19 ta' Gunju 2002.

Mistoqsija tghid jekk Shield Services Limited hijiex awtorizzata biex taghmilha ta' *sub-agent* ma' Lloyds, wiegbet: *"Irid jahdem skond l-enrolment certificate li jien prezentajt lill-Qorti, jigifieri ghal life business irid jipplesja l-business ma' Citadel, ghal general business excluding health insurance ghas-Citadel u ghal health insurance mal-Gouda. Ma jistax jagixxi ta' sub-agent ta' Lloyds"* (*a fol.* 58). Tghid li ghan-nom ta' Shield Services Limited kien jidher il-*Managing Director* Mark Randon u spjegat li fl-ittra datata 19 ta' Gunju 2002 mibghuta mis-Citadel kien hemm allegat *suspected fraud* fuq polza ta' certu Raymond Camilleri. Tghid: *"Apparently kien hemm impjegat ta' Shield Services Limited li minnu fejn kien qed jopera l-branch ta' Zabbar u s-Citadel kienu jaghtu motor certificates blank lil Shield biex hu jkun jista' johrog motor certificates habba l-licenzji ta' karozza jew biex il-karozza tkun inxjurata u dan l-impjegat partikolari kellu arrangament ma' Selective Travel, qabad xi blank certificates, ghaddiehom lil Selective Travel, li ma kienx licenzjat mill-Awtorita' u hareg ukoll certifikati dan is-Selective Travel ghan-nom ta' Citadel u milli jidher kien hemm xi diffikulta' fuq xi certifikati li kien hareg Selective Travel ghax kien hemm certifikati li kienu gew back-dated biex klijent minnhom ikollu claim koperta taht il-polza"* (*a fol.* 62). Tat spjegazzjoni ta' x'irrizulta mill-investigazzjoni taghhom. Tghid li l-impjegat ta' Shield Services gie sospiz ghal tlett xhur milli jaghmel l-attivita' ta' *sub-agent* u li lil Shield Services Limited l-Awtorita' hargitlu penali amministrattiva ta' Lm100 ghax ma kellux sistemi adegwati li jiccekkja l-impjegati tieghu x'qed jaghmlu fi branch iehor tal-kumpanija (*a fol.* 62-63). Tghid li dak iz-zmien l-impjegat kien Kenneth Genovese u ta' Selective Travel kien Roderick Grech.

Waqt id-depozizzjoni taghha x-xhud ezebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MB" (*a fol.* 67), Dok. "MB 1" (*a fol.* 68), Dok. "MB 2" (*a fol.* 69), Dok. "MB 3" (*a fol.* 70), Dok. "MB 4" (*loose*

*envelope* fl-ahhar ta' Volum 1), Dok. "MB 5" (*a fol.* 71 *et seq.*), Dok. "MB 6" (*a fol.* 83), Dok. "MB 7" (*a fol.* 84), Dok. "MB 8" (*a fol.* 85 *et seq.*), Dok. "MB 9" (*a fol.* 88 *et seq.*), Dok. "AM 10" (*a fol.* 90), Dok. "AM 11" (*a fol.* 91), Dok. "AM 12" (*a fol.* 92 *et seq.*), Dok. "AM 13" (*a fol.* 95 *et seq.*), Dok. "AM 14" (*a fol.* 97), Dok. "AM 15" (*a fol.* 98).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehdet ukoll **Yvonne Azzopardi** (*Senior Manager* fil-Bank of Valletta, fergha ta' Birkirkara – *a fol.* 99 *et seq.*) fejn ezebiet polza ta' assigurazzjoni f'isem Raymond Camilleri li giet immarkata bhala Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehed ukoll **John Bonett** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn spjega li sat-28 ta' Mejju 2003 kien Direttur ta' *insurance unit* tal-MFSA. Jghid li kien involut fil-proceduri kollha ta' investigazzjoni u fid-decizjonijiet li ttiehdu mill-Awtorita' in segwitu tal-ittra li giet ricevuta minn ghand Citadel Insurance fir-rigward ta' Shield Services Limited, li ghaliha kien jidher l-imputat. Ikkonferma li dokument immarkat bhala Dok. "AM 14" (*a fol.* 97) gie mibghut minnu. Spjega x'inhuma d-diversi dokumenti li kienu gew ipprezentati u jghid ukoll li Dr. Marisa Attard lahqet floku fl-1 ta' Gunju 2003.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehed ukoll **Ramon Mizzi** (*Chief Executive* ta' Citadel Insurance – *a fol.* 112 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat *ossia* Shield Services kien ilu *sub-agent* ta' Citadel minn Gunju 1998. Ikkonferma li ghamel l-ewwel rapport lill-Pulizija f'Gunju 2002. Spjega li ghall-habta ta' Jannar 2002 kien hemm problemi biex jingabru bilanci li kellhom jiehdu minn ghand Shield Services liema bilanci kienu ngabru mis-socjeta' imsemmija minn ghand klijenti taghhom. Spjega wkoll li fl-10 ta' Gunju 2002 il-Bank of Valletta talbuhom jikkonfermaw jekk kienx hemmx *cover* fuq polza li kienet fis-sehh fuq certu Ray Camilleri u li meta ra kopja *faxed* ta' *schedule* u ra r-*records* li kellhom u dak li kien hemm miktub fuqha ra li kien hemm xi haga hazina. Ikkonferma li Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) huwa d-dokument li gie muri mill-Bank u li l-firem fuq dan id-dokument jidhru li qishom ta' Ray Gibson (il-*Manager* tal-*Life Department*) u l-karta kienet tidher li hija kopja tal-karta li

juzaw biex johorgu l-poloz taghhom. Jghid li s-Citadel tuza karta kkulurita u normalment ikollha fuqha l-logo. Qal li Dok. "AM" (*a fol.* 27 *et seq.*) huwa t-tip ta' dokument li kienu juzaw fiz-zmien li suppost harget din il-polza. Jispjega li mal-ewwel induna li Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) ma kienx genwin u li meta hares lejn it-timbru ta' *stamp duty* irrealizza li xi hadd ipprova jikkopja t-timbru taghhom. Meta ra Dok. "AM 3" (*a fol.* 37) ikkonferma li dan juri kif inhu t-timbru tas-Citadel Insurance. Jixhed li l-imputat irrifjuta li jitkellem maghhom u spjega li Ray Camilleri ried li tinhariglu polza u li l-polza ma nhargitx wara li gie mitlub li jsir ezami mediku u li hu rrifjuta li jaghmlu. Spjega li Ray Camilleri kien nfurmah li kien hallas *premiums* lill-imputat u li kellu din il-polza in kwistjoni li kienet *pledged*, li din il-polza ma kienitx mahruga u lanqas mibghuta lill-Bank.

Jikkonferma li Dok. "AM 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) huwa dokument li gie mibghut lilhom u kkonferma wkoll li meta dan id-dokument gie ezaminat irrizulta li ma kienx hareg minn ghandhom. Jispjega li fuq dan id-dokument hemm firma li tixbah lil dik ta' certu Louis Aquilina u jispjega wkoll li fuq dan id-dokument hemm zball peress li l-*period of insurance* mhux identifikat b'gurnata partikolari – li generalment dejjem hekk ikun. Jixhed li Shield Services kienet harget *cover* fuq Benchmark Advisory Services sa Dicembru 2000 u meta giet biex tigi rinovata l-polza l-imputat ghal Shield Services kien talabhom biex jaghmulu *quote* fuq ir-*renewal* u li l-imputat kien qalilhom li l-*cover* ma kienx hemm bzonnu. Spjega: *"il-fatt li ahna sussegwentement f'Gunju 2002 gejna kkonfrontati b'din ir-renewal confirmation din ovvjament hija totalment a kuntrast mal-fatt illi l-intermedjarju dak iz-zmien kien qalilna li ma jridx il-cover u li ovvjament hadd minnha ma kien ser johrog dokument bhal dan u fil-fatt ma harigx"* (*a fol.* 121). Jghid: *"fid-19 ta' Lulju kien kkonfermali hu [l-imputat] verbalment illi kien origina minnu u sussegwentement rajt dan id-dokument"* (*a fol.* 123). Spjega li fil-presenza tieghu, Nevise Mifsud Bonnici, u l-mara tal-imputat, l-imputat kien ikkonferma li dak id-dokument ma kienx genwin u *"fil-fatt kien irrizulta u kien wieghed lil Nevise Mifsud Bonnici li jaghtiha kopja tal-policy ta' Lloyds li huwa kien ghamel minflok il-policy mas-Citadel"* (*a fol.* 124).

Jghid: *"Shield Services Limited kienet awtorizzata bhala sub-agent ta' Citadel u being a sub-agent dan ifisser li tkun a tied agent u ma tkunx tista' taghmel ebda insurance other than with your principal which in this case kien Citadel"* (*a fol.* 126). Ikkonferma li s-Citadel irrapurtat dan il-kaz lill-Pulizija.

Jixhed li l-kaz l-iehor jirrigwarda bilanci li Shield Services kellu jaghti lil Citadel. Spjega li minkejja d-diversi tentattivi biex dawn il-bilanci jithallsu minn Shield Services kien jidher car li l-imputat ma kienx f'pozizzjoni li jhallas l-ammonti sostanzjali ta' flus migburin, liema flus ingabru mill-*policyholders* ta' Citadel u li kellhom jinghataw lill-kumpanija msemmija. Jghid li hemm kawza civili pendenti fejn Citadel hadet azzjoni biex tirkupra s-somma ta' cirka Lm75,000. Spjega kif l-imputat bhala *sub-agent* licenzjat ta' Citadel kellu d-dover li johrog il-*policies* lill-klijenti u l-flus tal-*premiums* li jigbor kellu jghaddiehom lil Citadel. Jidhirlu li sa dak iz-zmien li sar ir-rapport ghand il-Pulizija l-ammont kien dak ta' Lm53,862 fejn qal: *"premiums li huma Lm41,000 minnhom ta' motor u Lm12,600 ta' general business, non-motor"* (*a fol.* 129). Spjega ghaliex ir-rapport kien dak ta' Lm53,862 u issa qed jghid is-somma ta' Lm75,000 u dana peress li meta ntbaghet l-ittra fid-19 ta' Gunju 2002 biex jitterminaw s-*sub-agency* ta' Shield Services, Shield kien ghad kellu f'idejh numru ta' poloz li kienu ghadhom mhux processati. Jghid li huma taw avviz lill-Awtorita' li rat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex jigi *struck off* mil-lista tal-Awtorita'. Mistoqsi ghal liema ragunijiet is-Citadel itterminat il-kuntratt ta' *sub-agency* lil Shield Services, wiegeb: *"Ir-ragunijiet li konna tajna qeghdin f'ittra li jien kont bghatt lilu fid-19 ta' Gunju lil Mark Randon"* (*a fol.* 131). Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "JM" (*a fol.* 145).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jikkonfermax li kien hemm qbil li jsir pagament mill-imputat li attwalment sar, wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma li sar pagament ta' Lm22,000 liema pagament gie maqsum fi tnejn. Jidhirlu li ma saritx rikonciljazzjoni kompluta. Sa fejn hu kien gie diskuss li kien ghad hemm *premium* ta' Lm40,000 ta' vetturi li ma thallsux u li l-imputat ma setghax jitlobhom ghar-raguni li ma kienx ghadu *sub-agent* taghhom. Jispjega kif

jirrizultalu li s-somma ta' Lm40,000 giet migbura. Ikkonferma li ntbaghet ittra lill-klijenti kollha ta' Shield Services u talbuhom biex ihallsu l-*premiums* biex b'hekk min kien diga hallas jurihom prova ta' dan u jghid li rrizulta li l-maggior parti tal-ammonti li kienu dovuti kienu fil-fatt imhallsa.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehdet ukoll **Nevise Mifsud Bonnici** (*General Manager* ta' Benchmark Advisory – *a fol.* 146 *et seq.*) fejn bdiet billi tispjega li l-funzjoni ta' Benchmark hija dik ta' *investment advisor*. Tispjega li marret l-MFSA u hadet il-*files* kollha ta' Shield Services, kif giet mitluba taghmel, u wara li giet mistoqsija certu affarijiet qalulha li ma kienitx inxjurata ma' Citadel. Tghid li meta marret l-MFSA giet murija Dok. "AM 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) liema dokument tghid li kienet ircevietu b'*fax* minn Shield Services u li meta rceviet dan id-dokument dan gie mibghut l-MFSA. Tghid: *"Qaluli li jien mhux inxurjata ma' Citadel pero as time went by ma kontx vera inxjurata ma' Citadel pero Mark kien"* (*a fol.* 149). Tispjega li ma kienx hemm data ndikata la f'Jannar u anqas f'Dicembru u tikkonferma li ghamlet hlas ta' *premium* u li dan sar permezz ta' cekk lil Shield Services Limited. Ikkonfermat Dok "MB 8" (*a fol.* 85 *et seq.*). Tispjega wkoll li wara li nzammet laqgha, l-imputat ikkonferma li hi (Mifsud Bonnici) ma kienitx inxjurata mas-Citadel u li wara saret taf li kienet inxjurata ma' Markel li tifforma parti minn Lloyds. Ezebiet bhala Dok. "NMB" (*a fol.* 156 *et seq.*) il-polza in kwistjoni. Tghid li sar rimbors lilha minn naha ta' Shield peress li Markel ma hax l-ghaxra fil-mija (10%) taxxa. Tghid: *"Jien hallastu Lm1735 u Lm2500 u dik kienet il-policy skond Citadel. Meta wara sirna nafu li ma kien Citadel xejn pero kien Markel it-10%, Mark qatt ma hallsu so basically"* (*a fol.* 154). Mistoqsija tghid jekk il-polza ma' Markel kienitx tissodisfa r-rekwiziti mal-MFSA, wiegbet: *"Iva. Ghax at this point in time ahna jekk inqala' xi haga, nisperaw li le, konna nxjurati"* (*a fol.* 154).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2003, xehed ukoll **Raymond Camilleri** (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn qal li ghandu s-segwenti kumpaniji: La Palma Catering, Dinar Ltd, J Co Ltd u Yar Ltd. Ikkonferma li ghandu *life insurance policies* u li huwa nxurjat ma' Citadel. Ikkonferma li Ramon Mizzi ta' Citadel kien baghat ghalih u kienu

marru flimkien il-Bank of Valletta ta' Birkirkara u li l-Pulizija baghtu ghalih ukoll. Spjega li certu Muscat, il-Manager ta' Birkirkara, qallu li l-polza li kellu ma kienitx effettiva ghax ma kienitx originali. Jghid li Mizzi kien staqsieh jekk kienx jaf li l-polza kienet falsifikata u kif kien hallas u jekk ghandux ricevuta. Jghid li sab l-ircevuta u c-cekk biex sar il-hlas kif ukoll *print out* tal-Bank of Valletta u jghid: *"li gara mbaghad smajna minghandhom ghax peress li kienet life insurance jien ma kontx pledged. F'dan l-istadju cempluli biex naghmel full medical test biex jergghu johorgu polza ohra, u nell'frattempo harguli polza ohra biex tirriplesja lilha u ovvjament f'dak l-istadju konna waqafna"* (*a fol.* 161). Jghid li ma ghamilx ezami mediku biex inharget il-*life insurance policy* u li hadd ma baghat ghalih u jghid ukoll li Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) qatt ma gie f'idejh. Jispjega li ra dan id-dokument l-ewwel darba gewwa s-Citadel meta gie muri lilu minn Ramon Mizzi. Jixhed li huwa mar ghand l-imputat ta' Shield Services qabel inharget il-*life insurance policy* fejn gew mehuda lilu d-dettalji u hu (Camilleri) ffirma fuq il-polza. Jghid li l-imputat qatt ma ghaddielu c-certifikat ta' *life insurance policy*. Ma jidhirlux li hemm xi firma tieghu fuq Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) pero kkonferma li hallas xi *premium* ghall-polza tant li ezebixxa ricevuta u cekk li kien sar il-hlas bih u li nhareg minnu lill-imputat, liema cekk gie msarraf (*Vide* Dok. "AM 10" – *a fol.* 90). Ezebixxa r-ricevuta u c-cekk bhala Dok. "RC" (*a fol.* 172 *et seq.*). Jghid li meta sar maghruf li ma kellux *life insurance,* is-Citadel ghamlet minn kollox biex issir polza ohra. Ezebixxa kopja ta' ittra legali li giet immarkata bhala Dok. "RC 1" (*a fol.* 174) u mistoqsi dwar il-valur tal-polza, jghid li mentri wahda kienet ta' Lm50,000, l-ohra kienet ta' Lm100,000.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed **Kenneth Genovese** (*a fol.* 176 *et seq.*) fejn spjega li mis-sena 1999 sas-sena 2002 kien jaghmel xoghol *part-time* bhala *salesman* ta' *insurance* ma' Shield Services. Jghid kien jiehu hsieb il-fergha taz-Zejtun. Ikkonferma li lill-imputat jafu bhala sid Shield Services u mistoqsi jghid ghala ttermina l-impieg *part-time* ma' Shield Services, wiegeb li l-ewwel kien hemm problema mal-MFSA fuq Selective Travel u aktar tard kienet giet terminata l-licenzja ta' Shield Services. Jghid li kien jigbor il-flus tal-assigurazzjoni minn ghand in-nies u kien

jghaddiehom lil Shield Services, precizament lil Pamela Cuschieri u mbaghad lil Anne Marie Randon u li gie li kien jigborhom ukoll l-imputat. Jghid li mal-flus kien jghaddi wkoll certifikati u l-kopja tac-certifikat. Mistoqsi kif kien ihallsu, wiegeb: *"Sa l-ahhar tat-2002 kien hemm agreement li kien hemm xahrejn credit, allura jien kont inhallas il-policies kollha xahrejn wara b'cekk tieghi, kont nigbor il-flus minghand in-nies kont nitfaghhom go kont imbaghad kont nohrog cekk fl-ahhar ta' kull xahar biex inhallas lil Shield Services"* (*a fol.* 180). Jispjega li c-cekkijiet kienu jkunu pagabbli lil Shield Services pero jghid ukoll li f'dan il-perjodu kien hemm zmien fejn lill-imputat tah *cash*. Jghid li wara Jannar, peress li l-imputat kellu problemi ta' *cash flow*, kienu ftehmu li jibda jghaddielu l-flus mill-ewwel *cash* u kien jghaddielu l-poloz bil-*cash* mill-ewwel maghhom. Jghid li l-problemi ta' *cash flow* li kellu l-imputat kienu minhabba li l-imputat kellu hafna klijenti kbar li kienu jdumu biex ihallsu iktar lilu miz-zmien li kellu hu biex ihallas lis-Citadel. Ikkonferma li jaf lil Roderick Grech li jghid ghandu l-kumpanija Selective Travel Limited u kien jghaddi x-xoghol ta' l-assigurazzjoni tal-klijenti tieghu *tramite* Shield Services. Jghid li l-imputat kien ghaddielu applikazzjoni li gabar minn ghand Citadel biex Roderick ikun jista' jsir bhala *branch office* ta' Shield Services u mistoqsi jghid jekk qattx inharget il-licenzja mill-Awtorita' lil Grech, wiegeb li ma jahsibx. Ikkonferma li Roderick Grech kien jaghmilha ta' *sub-agent* u mistoqsi jghid min kien jghaddi l-*blank certificates* lil Grech, wiegeb: *"Hafna drabi jiena pero ghax peress li Roderick Grech kien B'Buga u jien kont iz-Zejtun kienet iktar vicin pero kien hemm kazi fejn tawh certifikati minn St. Venera wkoll"* (*a fol.* 183). Mistoqsi jghid jekk f'dan il-perjodu li Grech kien qed jahdem bhala *sub-agent* ta' Shields jekk kellux licenzja mill-Awtorita', wiegeb fin-negattiv. Spjega li l-Awtorita' nfunat b'dan peress li kienu nhargu xi certifikati hziena u s-Citadel irrapurtat lil MFSA u in segwitu ta' dan l-licenzja tieghu giet terminata u ma setghax japplika qabel xahrejn ohra (*Vide* ittra Dok. "KG 1" (*a fol.* 189 *et seq.*). Jghid li l-imputat kien jaf bil-*blank certificates*. Jghid: *"waqt l-ewwel meeting fejn giet deciza din il-bicca tax-xoghol kont prezenti kien sar iz-Zejtun u kien sar ftehim li ser nibdew naghtu c-certifikati vojta lil Roderick Grech u hu jimliehom u jaghtihomlna ma' proposal forms sakemm tinhariglu licenzja regolari"* (*a fol.* 185). Jghid li ghal din il-laqgha kien hemm prezenti hu, l-

imputat u Roderick Grech. Jixhed li l-*premiums* kollha li hu gabar gew mghoddija lill-imputat. Mistoqsi jghid jekk apparti Roderick Grech kienx hemm xi stabbiliment iehor li kienu jipprovdulu dan is-servizz ta' assigurazzjoni, wiegeb: *"Kien hemm Regina Auto Dealer ukoll"* (*a fol.* 186). Jghid li kien imur jew hu jew l-imputat meta xi hadd kien jixtri vettura minn Regina Auto Dealer u ried assigurazzjoni mal-ewwel. Mistoqsi fir-rigward tal-*blank certificates* min kien jiddilja mal-klijent, wiegeb: *"Il-klijent kien jimla' proposal form, jigifieri application biss minn ghand Regina Auto Dealer u din kienet saret bi ftehim mas-Citadel stess. Kien hemm meeting ma' Manuel Micallef li hu l-Head tal-Motor Department tas-Citadel fejn kien ta permess li hu jimla proposal form imbaghad ic-certifikat nohorgulu ahna"* (*a fol.* 187). Mistoqsi min kien jimla c-certifikat, wiegeb: *"Jew jien jew Mark u ma nafx kienx hemm haddiehor. Imbaghad ic-certifikat jghaddi ghand il-klijent u l-kopji l-ohra jghaddu lil Mark u mbaghad lis-Citadel"* (*a fol.* 187). Mistoqsi jghid min kien jigbor il-*premiums*, wiegeb: *"Min imur hemm hekk jimlilu l-karti"* (*a fol.* 187) u mistoqsi min specifikament, wiegeb: *"Jew jien jew Mark"* (*a fol.* 188).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **James Farrugia** (*Manager* ta' *Investment Services Unit* fl-MFSA – *a fol.*192 *et seq.*) fejn qal li qatt ma' ltaqa' mal-imputat pero kellmu kemm-il darba fuq it-telefon bhala impjegat ta' Shield Services Limited. Ikkonferma li l-Awtorita' ghamlet xi investigazzjonijiet fuq Shield Services Limited u qal li l-kumpaniji Benchmark Advisory Ltd u Benchmark Trading Ltd ghandhom licenzja taht l-Investment Services Act u bhala *licencees* ghandhom obbligu, fost l-ohrajn, li jkollhom *Professional Indemnity Insurance*. Jghid li fis-16 ta' Marzu 2001 Nevise Mifsud Bonnici baghtitlu *fax* kopja ta' *renewal confirmation* tal-*Professional Indemnity Insurance* (Dok. "AM 1" – *a fol.* 31 *et seq.*). Xehed dwar id-diversi korrispondenzi li kien hemm ma' Nevise Mifsud Bonnici u kif ukoll mal-imputat. Jghid: *"[Ramon Mizzi] qalilna li l-firma fuq dik ir-renewal confirmation li ffaxjajnilu kienet tixbah lil ta' Louis Aquilina u li r-renewal confirmation ma kienitx issued minn Citadel"* (*a fol.* 199). Jghid li Mizzi gibdilhom l-attenzjoni li generalment il-perjodu tal-*insurance* ikun hemm fih id-dati kompluti pero f'dik li kellhom huma ma kienx hemm granet pero xahar u sena biss, u cioé *"January 2001"* u *"December 2001"*. Jghid li fit-18 ta' Lulju 2002,

Ramon Mizzi baghtilhom *fax* kif ukoll kopja tal-*proposal form* li kienet giet mimlija minn Mifsud Bonnici u li Mifsud Bonnici kkonfermat li kienet ghaddiet lill-imputat u jghid: *"pero strangely enough dik li ffexjatilna Citadel kien hemm li fin-1999 u fit-2000 Benchmark Advisory Ltd u Benchmark Trading Ltd kienu nxjurati ma' Citadel pero fit-2001 kienu nxjurati ma' Lloyds. Qieghed hawn hekk. Hu kien jidher evidenti li gie emendat in writing"* (*a fol.* 200). Jispjega li waqt laqgha li saret fl-MFSA fit-18 ta' Lulju 2002, Cristina Parlato Trigona (direttrici tieghu) talbet lil Mifsud Bonnici kopja tal-*proposal form* li kellha hi fil-*file* u dik li taghthom Mifsud Bonnici ma kellhiex l-emendi miktuba bl-id pero kienet tindika li sa l-ahhar ta' Dicembru 2001 Benchmark Advisory Ltd u Benchmark Trading Ltd kienu nxjurati ma' Citadel. Jghid li Mifsud Bonnici kienet sorpriza meta giet murija l-*fax* li giet mibghuta minn Citadel (li kienet emendata bil-kitba). Jghid li barra minn hekk, Parlato Trigona qalet lil Mifsud Bonnici li Citadel kellhom *email* minn ghand l-imputat fejn qed jghidilhom biex fis-sena 2001 ma jgeddidx il-polza u Parlato Trigona qaltilha li peress li kellhom dawk l-istruzzjonijiet minn ghand l-imputt ma ghamlux ir-*renewal* tal-polza. Jghid li Mifsud Bonnici qalet li ma kienitx hi li ghamlet l-emendi msemmija hawn fuq u li Mifsud Bonnici tathom kopja ta' rcevuti li kien hareg Shield Services Limited fis-sena 2001 fejn dawn qed ikopru l-*premium* li kien dovut fis-sena 2001. Jghid li l-ghada Ramon Mizzi qalilhom li l-imputat kien ikkonfermalu li fis-sena 2001 hu kien ipplesja l-polza tal-assigurazzjoni ta' Benchmark Advisory Ltd u Benchmark Trading Ltd ma' Lloyds. Jghid li sar kliem fis-sens li Shield Services Limited ma setghetx iggib poloz minn ghand Lloyds ghall-klijenti taghha ghax kull polza ta' l-assigurazzjoni riedet tohrog minghand Citadel. Jixhed kif Ramon Mizzi baghat ittra lill-imputat u kopja lil Parlato Trigona fejn kkonfermalu li t-*tied intermediary agreement* bejn Citadel u Shield gie terminat fid-19 ta' Gunju 2002. Ezebixxa faxxikolu li gie mmarkat bhala Dok. "KG 2" (*a fol.* 206).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehdet ukoll **Cristina Parlato Trigona** (Direttur ta' *Investment Services Unit* fl-MFSA – *a fol.* 207 *et seq.*) fejn xehdet fuq l-istess linji li xehed fuqhom James Farrugia u, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser jigi riprodott hawn taht dak li

nghad minnha u li diga nghad minn James Farrugia. Ikkonfermat li Dok. "AM 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) kien fil-*files* taghhom. Tghid: *"kien jidher li r-renewal notice kienet falsifikata. Jekk Citadel kienu qed jghidu li qatt ma harguha, kien hemm il-biza' li forsi xi hadd iffalsifika dak id-dokument ukoll minhabba li konna nafu li Shield kienet sub-agent tas-Citadel"* (*a fol.* 301). Meta giet murija Dok. "I" formanti parti minn Dok. "KG 2" (*a fol.* 206), qalet: *"Iva din hija l-ittra tieghi lil Mr. Ciantar fejn staqsejtu biex jikkonferma dak li kien qal li James Farrugia rigward li Citadel qatt ma harget polza u renewal notice ma harget dik ghal 2001"* (*a fol.* 304).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **Alfred Parnis** (*Manager* ta' *Insurance Business Unit* fl-MFSA – *a fol.* 305 *et seq.*) fejn qal li gie mqabbad biex jaghmel *on site inspection* fl-ufficini tal-kumpanija Shield Services Limited. Jghid li din l-*inspection* saret fis-26 u fis-27 ta' Gunju u fit-3 ta' Lulju 2002. Jghid li din saret in segwitu ta' polza li allegatament kienet falza. Jaghmel riferenza ghal polza ta' Raymond Camilleri. Jghid, fost l-ohrajn: *"Life insurance kienet f'isem Ray Camilleri imma r-ricevuta kienet tghajjat lill-kumpanija li Ray Camilleri hu involut fiha jisimha Yar Investments Ltd. Staqsejnieh ghall-kotba tar-ricevuti u wara li gabhom kienu kollha mqallbin dawn qghadna nissortjawhom rrealizzajna li kien hemm 62 ktieb tar-ricevuti li jkun fih 50 kull wahda li minnhom wara li qghadna niccekkjaw in-numri kien hemm 8 [kotba] neqsin"* (*a fol.* 309). Jghid: *"Irrealizzajna wkoll li fil-kotba tar-ricevuti kien hemm an odd blank receipt, xi kultant kienet tinqabez receipt, kienet tibqa' vojta"* (*a fol.* 309). Jghid li nstab *receipt book* iehor u *"B'kollox kien ghad fadal 7 receipt books neqsin li kien jinkludi wkoll receipt book minn fejn harget dik ir-ricevuta tal-Lm173"* (*a fol.* 311). Jghid: *"Dawn l-accounts meta analizzjaniehom ftit jidher li dawn il-flus huma flus li gew mizmuma mill-flus li kienu hallsu l-klijenti tal-kumpanija. Jigifieri bhala kredituri l-kumpanija kellha xi Lm64,000 kellha taghti l-maggoranza l-kbira taghhom kienet fir-rispett ta' insurance u kellha tigbor xi Lm50,000. Jigifieri dawn meta tqabbel, li ghandha taghti ghal insurance, meta tqabbilhom ma' flus li ghandha tigbor jimmatcjaw il-flus li ghandha taghti fir-rigward ta' insurance. Irrizulta li Lm20,000 minnhom kellhom jaghtuhom id-diretturi tal-kumpanija. Dan juri li dawn l-Lm20,000 ingabru imma uzawhom id-direttur ghax imbaghad id-direttur kellhom jaghtuhom lill-kumpanija"* (*a fol.* 312). Jghid: *"[S]ibna li sal-31 ta' Mejju 2002 l-*

*ammont li d-direttur tal-kumpanija kellhom jaghtu lill-kumpanija telghu ghal Lm38,000"* (*a fol.* 314). Ikkonferma Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*). Ipprezenta kopja tar-rapport tieghu li jinkludi numri ta' dokumenti li huma annessi mieghu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "AP" (*a fol.* 318).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed **Ray Gibson** (*Life and Financial Services Manager* tas-socjeta' Citadel Insurance plc (*a fol.* 319 *et seq.*) fejn spjega li l-fergha tal-Bank of Valletta ta' Birkirkira kienet ghamlet kuntatt mad-dipartiment tieghu biex tistaqsi rigward *life policy* ta' certu Ray Camilleri. Spjega li, hekk kif ra l-*policy schedule* li giet mibghuta bil-*fax*, induna li din ma kienitx mahruga mid-dipartiment taghhom. Saritlu riferenza ghal Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) u kkonferma li din ma kienitx mahruga fuq il-karta li s-Citadel tohrog il-poloz taghha. Ikkonferma wkoll li Dok. "AM" (*a fol.* 27 *et seq.*) hija *specimen* tal-polza kif tinhareg minnhom, u li fuqha hemm: *"the logo as sort of a watermark on the yellowish off-white paper"* (*a fol.* 322). Jghid ukoll li n-numru tal-polza ma kienx wiehed f'sekwenza ghal numri li nhargu f'dak il-perjodu pero in-numru tal-polza kien wiehed antik hafna. Jghid li l-firma mhijiex tieghu (ta' Gibson) u: *"Duty stamp we would stamp our policies with a red duty stamp and not blue. The actual amount of document duty is wrong on this as well. The document duty shown as Lm17.30 is 10% of the Lm173 premium. Now document duty on non-life products is 10% of the premium but document duty on life products is 1 per mill of the sum insured, so the correct duty of the sum insured here should have been Lm50"* (*a fol.* 323). Jghid li l-firma mhijiex tieghu. Ikkonferma li Dok. "AM 4" (*a fol.* 39) juri *specimen signatures* tieghu. Ezebixxa *policy documents* li gew immarkati bhala Dok. "RG" (*a fol.* 328) u kif ukoll timbri u *ink-pads* li gew immarkati bhala Dok. "RG 1" (*a fol.* 329).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **Louis Aquilina** (Manager fil-*General Underwriting Department* ma' Citadel (*a fol.* 330 *et seq.*) fejn spjega li Ramon Mizzi kien staqsieh jekk Dok. "AM 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) giex iffirmat minnu u hu wiegeb li ma kienx iffirmah. Mistoqsi ta' min hi l-firma, wiegeb: *"Il-firma tixbah lil tieghi pero dan id-dokument qatt ma ffirmajtu"* (*a fol.* 332). Jghid li l-limitu tieghu

huwa ta' Lm100,000 u dik li giet murija lilu ghandha *cover* ta' Lm320,000. Mistoqsi jerga' jara' d-dokument in kwistjoni u mistoqsi jghid jekk jarax xi haga irregolari, wiegeb: *"Iva ahna ma nohorgux certifikati jew dokumenti bla data fissa, id-data tax-xahar tkun indikata. Fuq dan tindika xahar biss"* (*a fol.* 333). Jghid li fid-dokumenti taghhom kellhom struzzjonijiet minn ghand l-agent cioé Shield Services permezz ta' *email* fejn gew infurmati li l-polza ma kienx hemm bzonnha.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **Stephen Muscat** *Manager* tal-fergha tal-Bank of Valletta ta' Birkirkara – *a fol.* 335 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Novembru 1999 rcevew konferma minn ghand Shield iffirmata mill-imputat fejn qalilhom li kien hemm applikazzjoni ghal *life policy* f'isem Raymond Camilleri u pprezenta dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "SM 1" (*a fol.* 343). Jghid li fit-13 ta' Gunju 2000 kienu rcevew nota minghand Shield ffirmata mill-imputat fejn inghad, fost l-ohrajn, is-segwenti: *"This is to confirm the following insurance cover for Dinal Co. Ltd. (1) Life Assurance on Mr. R. Camilleri – Sum Insured Lm50,000. This policy has been sent today to your bank"* (Dok. "SM" – *a fol.* 342). Ikkonferma li l-polza Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) giet mibghuta l-Bank. Jghid li hu ra din il-polza. Ezebixxa Dok. "SM 2" (*a fol.* (344). Jghid li wara hafna zmien id-diretturi tas-Citadel marru jivverifikaw il-polza u hemm rrizulta li l-polza in kwisjtoni ma kienitx originali tal-kumpanija.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **Anthony Xuereb** (*Relationship Officer* go *Business Centre* tal-Bank of Valletta fin-Naxxar – *a fol.* 345 *et seq.*) fejn qal li kienet giet ricevuta *fax* minn ghand Shield Services Limited li kienet tghid li Ray Camilleri applika ghal polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja tieghu ta' Lm100,000. Jghid li minkejja li kien hemm indikat li l-polza kellha tintbaghat, dan id-dokument qatt ma wasal il-Bank. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "AX" (*a fol.* 348).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **Roderick Grech** (ghan-nom tal-agenzija Selective Travel – *a fol.* 349 *et seq.*) fejn spjega li kien kellmu Kenneth Genovese u ghall-bidu beda jirreferi

xi nies lil Genovese biex jaghmlu l-assigurazzjoni ghandu. Jghid li eventwalment l-imputat kien awtorizza lil Genovese biex hu (Grech) ikun jista' jahdem bhala *sub-agent*. Jghid li f'dan il-perjodu ma kellux licenzja mill-MFSA. Mistoqsi jghid jekk l-imputat qattx ghamel applikazzjoni, wiegeb: *"Jien dejjem qaluli"* (*a fol.* 351). Jghid li qalulu l-imputat u Genovese u anke ffirma xi karti pero jghid: *"Finalment baqghet qatt ma mxiet"* (*a fol.* 351). Mistoqsi jghid fiex kien jikkonsisti x-xoghol tieghu meta kien jaghmilha ta' *sub-agent* jghid li meta kien imur persuna, kien jaghmillu l-assigurazzjoni, kien jigbor il-flus u mbaghad jghaddi l-*proposal form*, ic-certifikat u l-flus tal-polza lil Kenneth Genovese. Mistoqsi jghid jekk qattx ghadda polza, dokumenti jew flus lill-imputat, wiegeb: *"Nahseb xoghol lest le hlief fl-ahhar"* (*a fol.* 352). Jghid li meta gie bzonn certifikati ghax kienu spiccawlu minn Genovese, dejjem mar ghalihom ghand l-imputat f'Birkirkara. Ikkonferma li lilu l-imputat kien jaghtih *blank certificates*. Jispecifika li l-flus kien jghaddiehom lil Kenneth Genovese *"hlief meta finalment waqqafna l-operazzjoni taghna bejnietna li kien f'Marzu 2002 li ghaddejt Lm4,000 pagabbli direttament lil Shield Services lil Mark Randon fil-prezenza ta' Kenneth Genovese"* (*a fol.* 353). Ikkonferma li ghadda dik is-somma flus fizikament lill-imputat. Jghid li l-MFSA baghtu ghalih ghax saru jafu li kien qed jahdem bhala *sub-agent* f'isem Shield Services u li gie sospiz ghal tlett snin milli jahdem bhala *sub-agent* peress li baqghet qatt ma harget licenzja. Mistoqsi: *"Pero f'dak il-perjodu li inti ma kellekx licenzja mill-MFSA, l-imputat kien jaf li ma ghandekx licenzja mill-MFSA u kien jaf li qed taghmel xoghol ta' sub-agent?"* (*a fol.* 354), wiegeb: *"Kien jaf zgur li ghandi dokumenti hawn hekk fejn way back June 2001 f'kaz minnhom kelli accident jien personali bil-karozza tieghi Mark Randon stess kien kiteb lil Citadel biex jaccettaw il-policy tieghi ghax huma ma riedux jikkoverjawni lili personali bhala ghax kont qed nintroduci xoghol maghhom bhala sub-agent"* (*a fol.* 354). Ezebixxa kopja ta' *fax* li giet immarkata bhala Dok. "RG" (*a fol.* 356).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2003, xehed ukoll **Brian Cutajar** (*a fol.* 357 *et seq.*) fejn spjega li jbiegh vetturi *second-hand* bl-isem ta' Regina Auto Dealer Ltd. Jghid li kien icempel lill-imputat u jghidlu li kellu klijent ghall-assigurazzjoni, l-imputat imur fuq il-post u jaghmillu l-assigurazzjoni dak il-hin stess. Jghid li kien imur jew l-imputat jew

Kenneth Genovese. Jghid li Randon u Genovese kienu jaghmlu assigurazzjoni ghan-nom ta' Shield u dawn kienu jsiru jew fl-ufficcju tieghu (ta' Cutajar) jew l-ufficcju taghhom f'Triq Psaila, Birkirkara. Mistoqsi jghid jekk qattx gabar *premiums* ta' dawn l-assigurazzjonijiet wiegeb: *"Bhala flus kien jircievihom hu dak il-hin minghand il-klijent"* (*a fol.* 360). Mistoqsi min, jghid jew l-imputat jew Genovese. Jichad li l-imputat qatt ghaddielu xi *blank certificates*.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2005, xehed **Edward Grech** (*a fol.* 410 *et seq.*) fejn spjega li bejn Mejju 2001 u Gunju 2003 kien jahdem bhala *financial controller* mas-Citadel Insurance. Mistoqsi jghid fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet interni li saru mis-Citadel qabel gie rappurtat il-kaz lill-Pulizija spjega li meta rrealizzaw li kien ser ikun hemm problemi fuq il-kont tal-imputat, fis-sens li l-*credit terms* li kienu miftehma ma' Shield Services Limited ma kienux qed jigu onorati, l-imputat gie msejjah u nghad lilu biex jigi *up-to-date* fil-pagamenti tieghu. Jghid li wahda mir-ragunijiet principali tal-imputat kienet li ma setghax ihallas peress li kien ghadu ma rceviex il-flus minn ghand il-klijenti. Jghid li dawn kienu flus *premia* fuq il-poloz li l-imputat kien ghamel ghan-nom tal-kumpanija. Jghid li l-kumpanija kitbet lill-klijenti kollha ta' Shield Services Limited u talbiethom jekk kienx thallas il-*premium* u f'kaz li kien thallas intalbu kopja tar-ricevuta. Jixhed li l-maggior parti tal-klijenti rrispondew li kienu hallsu l-*premium* jew lil Shield Services Limited jew inkella lil Regina Auto Dealer ghan-nom ta' Shield Services Limited u l-kumpanija Selective Travel. Ghad-domanda: *"Illum il-gurnata l-kont pendenti taf jekk thallasx jew le u kemm hu?"* (*a fol.* 413), wiegeb: *"Jien sakemm kont hemm jien jigifieri sa Gunju 2003 ic-cifra ezatta ma niftakarhiex pero ghandi nifhem li kienet fir-region ta' xi Lm50,000. Illum ovvjament ma nistax nikkonferma jekk dan thallasx. Ghandi nifhem li la qeghdin hawn hekk ghadu ma thallasx"* (*a fol.* 413).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2005, xehdet ukoll **Romina Chircop** (*Credit Controller* mal-kumpanija Citadel Insurance – *a fol.* 415 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat kien *sub-agent* ta' Citadel Insurance permezz tal-kumpanija tieghu Shield Services u kien intermedjarju bejn il-klijenti u huma (Citadel). Tghid li l-imputat kien ibiegh diversi poloz fil-kumpanija pero fil-maggior parti kienu *motor insurance*.

Tghid li peress li Shield Services bdiet taqa' lura fil-pagamenti u ma baqghetx aktar tonora l-*credit terms* li kellha mal-kumpanija Citadel Insurance, hi gibdet l-attenzjoni tal-*management* u bdew isiru xi laqghet ma' Shield Services cioé mal-imputat biex jaraw x'kien qed iwassal ghal dan. Tghid li l-imputat kien tahom xi pagamenti u li Citadel Insurance bdiet tinvestiga jekk il-klijenti li kienu jidhru dovuti minn Shield Services, kienux hallsu lil Shield Servces jew veru ghadhomx pendenti. Tispjega li ntbaghtet ittra lil kull klijent fejn irrizulta li hafna minnhom kienu hallsu l-*premium* tal-assigurazzjoni taghhom lil Shield Services u anke persuni li kienu jbieghu l-*insurances* awtorizzati minn Shield Services. Wara li rat Dok. "JM" (*a fol.* 145) ikkonfermat li dan gie mhejji minnha. Mistoqsija dwar *a fol.* 34 sa 45 ta' Dok. "JM" (*a fol.* 145) tghid li hawnhekk gabret il-klijenti li jidhru fl-i*statement* bhala li ghandhom l-assigurazzjoni pendenti. Tghid li l-*outstanding balance* issa huwa dak ta' Lm54,000.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2005, xehed ukoll **Lino Ciantar** (*Senior Manager* fil-*General Underwriting Department* mal-kumpanija Citadel Insurance – *a fol.* 423 *et seq.*) fejn qal: *"Jien kont involut fil-kaz ta' Benchmark Advisory Ltd li kien kaz ta' professional indemnity insurance li konna ahna rrangajna originarjament ghal dan il-klijent pero kien inqala' problema ghas-sena 2001 fejn effettivament kienet harget xi renewal confirmation, inharget minn Shields pero li ma kienitx inharget minn naha tas-Citadel"* (*a fol.* 424). Meta gie muri *a fol.* 31 ta' Dok. "JM" (*a fol.* 145) spjega li dan huwa *renewal confirmation*. Jghid li huwa mhux tas-soltu li jkollok dokument fejn ma jigix specifikat data ezatta ta' meta tibda l-kopertura u dana *stante* li dan id-dokument jghid biss minn Jannar sa Dicembru. Jghid ukoll li l-*premium* indikat ma jaqbilx mal-*premium* li kienu qed jikkwotaw huma. Jixhed: *"Haga ohra hija li hawn hekk, id-data ta' din ir-renewal confirmation huwa 10 January 2001 meta jien niftakar li l-konferma li l-klijent ma kienx ser jiehu l-kwotazzjoni li tajnieh ahna giet ferm wara, jekk mhux sejjer zball giet xi 21 January"* (*a fol.* 425). Ikkonferma li l-imputat baghat struzzjonijiet li l-klijent tieghu ma accettax il-*quote* taghhom (ta' Citadel). Dan ifisser li d-dokument ta' *renewal confirmation* hareg hdax (11) il-gurnata qabel ma tahom struzzjonijiet. Jghid li Aquilina ma ghandux l-awtorita' li jiffirma d-

dokument *a fol.* 31 hawn fuq imsemmi ghax jaqbez il-limitu ta' l-awtorita' tieghu. Mistoqsi jekk huwiex f'pozizzjoni li jghid li dik il-firma hijiex ta' Aquilina jew le, wiegeb: *"Jien li nista' nghid hija li tixbah hafna l-firma tieghu imma jigifieri for this limit of indemnity li huwa 320,000"* (*a fol.* 427).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2005, xehdet ukoll **Sandra Galdes neé Curmi** (fejn spjegat li kienet *Supervisor* fid-Dipartiment tal-*General Business Underwriting* tas-socjeta' Citadel – *a fol.* 429 *et seq.*). Meta gie murija Dok. "JM" (*a fol.* 145), precizament *a fol.* 29 ta' dan id-dokument, qalet li dan huwa dokument fejn Shield Services qed jghidilhom li Benchmark Advisory ma jridx il-kopertura tal-*professional indemnity policy* li kellu. Tghid li fid-19 ta' Dicembru 2000 hi kienet tat *renewal terms* lill-imputat bhala Shield Services u li fil-15 ta' Jannar 2001 tatu *revised renewal terms*. Tixhed li fil-21 ta' Jannar kienu rcevew *email* mill-imputat fejn qalilhom li Benchmark Advisory ma rieditx il-*cover*. Meta rat *a fol.* 31 ta' Dok. "JM" (*a fol.* 145) qalet: *"Din hija dokument li konna nohorgu Citadel biex nghidu lill-klijent isma, qed nikkonfermaw li ghandek il-cover"* (*a fol.* 432). Mistoqsija tghid x'taf dwar dan id-dokument, wiegbet: *"Li qed nara li hawn stramb li fil-period of insurance, id-dati huma semplicement January sa December fejn is-soltu dejjem naghmlu d-data u anke certu poloz johorgu bil-hin ta' meta l-cover bdiet. Is-signature tidher li hi ta' Louis Aquilina"* (*a fol.* 432).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet

dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi fl-20 ta' Gunju 2002 ic-Chief Executive tas-socjeta' Citadel Insurance plc Ramon Mizzi ghamel rapport ghand il-Pulizija fir-rigward ta' allegat kaz ta' frodi. Il-kawza tirrigwarda, fost l-ohrajn, polza tal-*life insurance* falza f'isem Raymond Camilleri, kif ukoll *professional indemnity policy* falza mahruga lil Benchmark Advisory Limited. Il-kawza tirrigwarda wkoll allegat misappropriazzjoni ta'

flus migbura minn Shield Services Limited bhala *sub-agent* ta' Citadel. Jirrizulta li fid-19 ta' Gunju 2002 is-socjeta' Citadel Insurance itterminat l-*appointment* ta' Shield Services Limited bhala *sub-agent* taghha. Ghandu jinghad li l-imputat (flimkien ma' martu Michelle Randon) huwa direttur tas-socjeta' Shield Services Limited.[4]

Illi fil-kaz odjern l-imputat qed jigi akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet, fosthom: falsfikazzjoni, uzu ta' dokument falz, frodi, misapproprjazzjoni, u numru ta' akkuzi taht il-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta[5].

Illi l-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrija (Dok. "AM 2" – *a fol.* 33 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija u dak li nghad fiha u li sar riferenza ghaliha fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li din l-istqarrija giet mehuda fis-sena 2002, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kienitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1), it-Tieni (2), it-Tielet (3), ir-Raba' (4), il-Hames (5), u s-Sitt (6) Imputazzjoni,</u>**
**<u>(Artikoli 183, 184, 185, 186, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi l-Qorti tinnota li Yvonne Azzopardi (is-*Senior Manager* tal-Bank of Valletta tal-fergha ta' Birkirkara) ezebiet polza ta' assigurazzjoni f'isem Raymond Camilleri (Dok. "YA" – *a fol.* 101 *et seq.*). Da parte tieghu, Raymond Camilleri xehed li Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) qatt ma gie f'idejh u li huwa ra dan id-dokument l-ewwel darba meta gie muri lilu minn Ramon Mizzi. Camilleri, filwaqt li kkonferma li

[4] *Vide a fol.* 78 ta' Dok. "MB 4" (*envelope loose*).
[5] Dan il-Kapitolu (cioé l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji ohra) ma ghadux jezisti. Permezz ta' Att Nru. XII tas-sena 2006 gie introdott Kapitolu 487 tal-Ligijiet ta' Malta bl-isem ta' Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni.

ffirma fuq il-polza u li hallas xi *premium* ghall-polza, xehed li ma jidhirlux li hemm xi firma tieghu fuq Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*). Fid-depozizzjoni tieghu Ray Gibson tas-socjeta' Citadel Insurance plc xehed kif Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) ma kienx mahrug fuq il-karta li s-Citadel tohrog il-poloz taghha u li Dok. "AM" (*a fol.* 27 *et seq.*) huwa *specimen* tal-polza kif tinhareg minnhom. Gibson xehed kif il-firma mhijiex tieghu. Da parte tieghu, Ramon Mizzi xehed li huwa mal-ewwel induna li Dok. "YA" (*a fol.* 101 *et seq.*) ma kienx genwin u li meta hares lejn it-timbru ta' *stamp duty* irrealizza li xi hadd ipprova jikkopja t-timbru taghhom. Mizzi jkompli jghid li Dok. "AM 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) huwa dokument li gie mibghut lilhom u kkonferma li meta dan id-dokument gie ezaminat irrizulta li ma kienx hareg minn ghandhom. Mizzi jispjega li fuq dan id-dokument hemm firma li tixbah lil dik ta' certu Louis Aquilina u spjega wkoll li fuq dan id-dokument hemm zball peress li l-*period of insurance* mhux identifikat b'gurnata partikolari. Da parte tieghu, Louis Aquilina xehed li minkejja li l-firma li hemm fuq Dok. "AM 1" (*a fol.* 31 *et seq.*) tixbah il-firma tieghu, huwa ma ffirmax dan id-dokument.

Illi, fir-rigward <u>tal-ewwel (1) imputazzjoni</u>, il-Qorti tinnota li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]".

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali ma jikkontjenu l-ebda nomina ta' espert sabiex jigi stabbilit min setgha ffalsifika xi dokument li jsir riferenza ghalih fl-atti processwali. Apparti minn dan, minkejja dak li jirrizulta fl-atti processwali rigward il-falsifikazzjoni li ssir riferenza ghaliha taht l-ewwel (1) imputazzjoni, ma jirrizulta minn imkien li l-imputat setgha b'xi mod ffalsifika xi dokument. Minkejja li l-Qorti tista' toqghod tispekula min setgha ffalsifika d-dokument in kwistjoni, madanakollu spekulazzjoni ma twassal ghall-imkien specjalment fil-kamp kriminali u dana *stante* li kollox irid ikun ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-

imputat ghandu jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Illi t-tieni (2) imputazzjoni temergi minn Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, tehel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni".

Illi minn imkien ma jirrizulta li l-imputat setgha xjentement kien jaf li kien qed isir uzu ta' dokument iffalsifikat. Qed jinghad "xjentement" *stante* li l-Artikolu 184 hawn fuq kwotat jezigi li persuna ghandha xjentement tkun taf li qed taghmel uzu tali.

Illi taht it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi ksur ta' Artikoli 185 u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak li nghad fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni japplika fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u, a skans ta' ripetizzjoni, m'huwiex il-kaz li jsiru xi konsiderazzjonijiet ulterjuri.

Illi taht il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzati bir-reati li jemergu minn Artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-noti tieghu dwar il-Ligi Kriminali l-**Professur Mamo** dwar ir-reat ta' falsifikazzjoni jghid is-segwenti:

> *"an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient...or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document in any one of the manners specified by law".*

Illi skond **Carrara** mhux bizzejjed li dak li ghamel il-falsifikazzjoni kellu l-intenzjoni li jiffalsifika, pero' li kien jaf li dik il-falsifikazzjoni kienet kontra l-ligi u l-potenzjalita' setghet tikkaguna pregudizzju.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghal decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo** fejn il-Qorti msemmija, filwaqt li ghamlet riferenza ghal decizjoni ohra, spjegat id-differenza bejn Artikolu 188 u Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza msemmija nghad hekk:

> "Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*
>
> *Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar*

*temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc.""*.

Illi r-reat ta' dikjarazzjoni falza jorbot intrinsikament ma' dak ta' frodi b'dan li ghandu jigi ppruvat l-element ta' gwadann. Dan ma giex pruvat. Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, u bhal fil-kaz tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputat ghamel xi dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz lil awtorita' pubblika kif rikjest f'Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anqas ma jirrizulta dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih taht is-sitt (6) imputazzjoni, u cioé li ghamel falsifikazzjoni ta' certifikat ta' assigurazzjoni u xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, kif rikjest f'Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, isegwi li l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), u s-sitt (6) imputazzjoni ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi". Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]
>
> Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].
>
> Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
>
> Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:
>
> a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
> b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
> c) ta' kwalifiki foloz jew

d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi

kredibilita’ l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita’ ta’ verita’ kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mise-en-scene*”.

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

> “….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta’ dan ir-reat ta’ truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta’ haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta’ truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta’ l-ingustizzja tal-profitt u b’dan il-mod il-legittima produttivita’ tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.”

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta’ l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fiz-zmien.

Illi f’sentenza moghtija mill-*Corte di Cassazione Penale* gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *“l’elemento del danno patrimoniale”*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta’ reat huwa necessarju illi jezistu *“I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell’artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell’ingiusto profitto per l’agente.” (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi, ghar-rigward ta’ dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f’sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta’ Ottubru 2004:

*"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qablu.

Illi mill-atti processwali jirrizulta, fost l-ohrajn, li Dr. Marisa Attard xehdet kif, in segwitu ta' dak li gie miktub mill-principal taghha s-Citadel, Shield Services Limited giet imnehhija mil-lista tas-*sub-agents* fis-26 ta' Lulju 2002 u li minn spezzjonijiet li saru minn spetturi tal-Awtorita' rrizulta li kien hemm *deficiency* fl-ammont indikat minnha fid-depozizzjoni taghha. Da parte tieghu, Ramon Mizzi spjega li minkejja d-diversi tentattivi biex Shield Services Limited thallas lis-socjeta' Citadel kien jidher car li l-imputat ma kienx f'pozizzjoni li jhallas l-ammonti sostanzjali ta' flus migburin mill-*policyholders* ta' Citadel li hu kellu jaghti lill-kumpanija.

Illi minkejja li fl-atti processwali ssir riferenza ghall-operat ta' hidma tal-imputat in rapprezentanza ta' Shield Services Limited, liema operat kien wiehed li jista' jqajjem numru ta' mistoqsijiet, u minkejja li mill-atti processwali jirrizulta li kien hemm debitu li jista' jigi kkunsidrat bhala wiehed civili u li kien pendenti bejn il-kontendenti f'dawn il-proceduri, pero ma jezistux l-estremi tar-reati kriminali *ai termini* ta' Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn imkien ma jirrizulta dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih taht is-seba' (7) imputazzjoni. Dan qieghed jinghad tenut kont ta' dak li huwa rikjest sabiex tinstab htija taht is-seba' (7) imputazzjoni. Ma jirrizultax, fost l-ohrajn, li l-imputat kien qed juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz kif jezigi

Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Ma jirrizultawx is-serje ta' raggiri u maniggi li jsiru riferenza ghalihom f'Artikolu 308 imsemmi u ma jirrizultax li kien hemm il-messa in xena rikjesta. Ma jirrizultax lanqas, li l-imputat ghamel xi qligh b'qerq kif jezigi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'hekk isegwi li s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi filwaqt li Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta r-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom, Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda cirkostanzi aggravanti.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:
>
> *Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il*

*creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi l-Qorti tinnota li jidher li t-tmien (8) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat nghatat bhala alternattiva ghas-seba' (7) imputazzjoni. Il-Qorti tinnota wkoll li Kenneth Genovese, fost l-ohrajn, xehed li huwa kien jigbor il-flus tal-assigurazzjoni minn ghand in-nies u kien jghaddiehom lil Shield Services u li mal-flus kien jghaddi wkoll certifikati u l-kopja tac-certifikat. Genovese jispjega li l-problema ta' *cash flow* li kellu l-imputat kienet minhabba li l-imputat kellu hafna klijenti kbar li kienu jdumu biex ihallsu iktar lilu miz-zmien li kellu hu biex ihallas lis-Citadel. Da parte taghha, Romina Chircop xehdet li l-imputat kien ibiegh diversi poloz fil-kumpanija pero fil-maggior parti kienu *motor insurance* u li Shield Services Limited bdiet taqa' lura fil-pagamenti u ma baqghetx aktar tonora l-*credit terms* li kellha mal-kumpanija Citadel. Hija tkompli zzied li ntbaghtet ittra lil kull klijent fejn irrizulta li hafna minnhom kienu hallsu l-*premium* tal-assigurazzjoni taghhom lil Shield Services Limited u anke persuni li kienu jbieghu l-*insurances* awtorizzati minn Shield Services.

Illi l-Qorti tinnota li mhuwiex minnu li dak li gie sottomess fis-sottomissjonijiet ghan-nom tas-socjeta' Citadel Insurance plc fejn inghad li f'dawn il-proceduri tressqu *"hafna xhieda li jghidu kif kienu hallsu l-flus lil Mark Randon l-akkuzat fuq l-insurance policy taghhom"* (*a fol.* 506). Dawn ma xehdux. Dak li jirrizulta huwa li kien hemm debitu da parte tal-imputat *ossia* Shield Services Limited pero ma jirrizultax pruvat li l-imputat dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu, u dana kif jezigi Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhal fil-kaz tas-seba' (7) imputazzjoni, minkejja li

fl-atti processwali jirrizulta li kien hemm debitu civili pendenti bejn il-kontendenti f'dawn il-proceduri, pero l-fatt li ghandek debitu civili ma jfissirx li ghandek misapproprjazzjoni!

Illi ghalhekk isegwi li t-tmien (8) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentment pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>Id-Disa' (9), l-Ghaxar (10) u l-Hdax (11) Imputazzjoni (Artikoli 47(1)(d), 47(1)(f), u 47(1)(g) tal-Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li kiser uhud mill-provvedimenti ta' dak li kien Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta[6].

Illi l-Qorti tinnota kif hafna mix-xhieda li tressqu f'dawn il-proceduri xehdu b'mod estensiv u dettaljat, u dana b'mod specjali ghal Ramon Mizzi (Chief Executive tas-socjeta' Citadel) u ghad-diversi nies li jokkupaw xi kariga jew ohra fi hdan l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Dawn ix-xhieda spjegaw sew x'kien l-involviment taghhom fir-rigward tal-imputat *ossia* Shield Services Limited.

Illi fl-atti jirrizulta, fost l-ohrajn, kif is-socjeta' Citadel Insurance tterminat l-*appointment* ta' Shield Services Limited bhala *sub-agent* taghha u li l-imputat kien ghadda xi certifikati tal-*motor insurance certificates* lil Roderick Grech ta' Selective Travel minghajr l-awtorita' kemm ta' Citadel kif ukoll ta' l-MFSA. Fl-atti jirrizulta wkoll kif l-imputat *ossia* l-kumpanija tieghu Shield Services Limited ma kienx f'pozizzjoni li jhallas l-ammonti sostanzjali ta' flus migbura mill-*policyholders* ta' Citadel li hu kellu jaghti lill-kumpanija.

Illi, minkejja dak li ghadu kemm inghad, li huwa biss ezempju ta' dak li jirrizulta fl-atti processwali, il-Qorti tishaq li hawnhekk

---

[6] Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li *stante* li Kapitolu 404 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghadux jezisti, dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat taht id-disa' (9), l-ghaxar (10) u l-hdax (11) imputazzjoni issa jemergi minn Artikoli 52(1)(f), 52(1)(g) u 52(1)(h) tal-Kapitolu 487 tal-Ligijiet ta' Malta.

ninsabu fil-kamp penali u mhux f'dak civili jew kummercjali. M'hemmx ghalfejn jinghad li fil-kamp penali japplikaw regoli li huma ben diversi minn dawk li japplikaw fil-kamp civili jew kummercjali. *Di fatti*, aktar il-fuq f'din is-sentenza saru konsiderazzjonijiet legali fir-rigward tal-livell ta' prova rikjesta fejn, fost l-ohrajn, saret riferenza ghal dak li jghid il-Manzini fil-ktieb tieghi **Diritto Penale**. Inghad ukoll li biex l-imputat jigi dikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, minkejja li, kif diga nghad, iqumu diversi mistoqsijiet dwar l-operat li bih kien imexxi l-imputat il-kumpanija tieghu Shield Services Limited, pero ma jirrizultax li huwa kriminalment kiser xi provediment li qieghed jigi akkuzat bih taht id-disa' (9), l-ghaxar (10) u l-hdax (11) imputazzjoni. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi, fuq nota diversa, il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni kellha c-cans kollu li tressaq l-ahjar provi li hija setghet tressaq f'dan il-kaz u minkejja li fit-30 ta' Mejju 2008 (*a fol.* 470) il-kawza giet differita *sine die* u regghet giet ri-appuntata ghas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 475) (in segwitu ta' Rikors ipprezentat mill-Prosekuzzjoni fit-18 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 471)), il-Prosekuzzjoni baqghet xorta wahda ma osservatx id-Digriet moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-23 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 472), liema Qorti diversament preseduta, permezz ta' Digriet moghti fl-14 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 474) ordnat lill-Prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha sas-seduta tal-ghada, liema Digriet inghata in segwitu ta' Rikors iehor ipprezentat mill-Prosekuzzjoni fl-10 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 473).

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, il-Qorti ghaddiet biex tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u, f'kaz li dan ma sarx, il-Qorti *setghet* taghmel kunsiderazzjonijiet ohra pero mhuwiex il-kaz li jsiru xi kummenti jew konsiderazzjonijiet superfluwi jew ipotetici. L-istqarrija tal-imputat ma setghet bl-ebda mod tittiehed in

konsiderazzjoni u dana ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Illi l-Qorti tista' toqghod tispekula dwar jekk l-imputat setghax kienx b'xi mod hati ta' xi wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verita', u dan qed jinghad biss bhala stat ta' fatt, l-aktar li wiehed jista' jasal ghalih minn qari tal-atti processwali huwa l-ezistenza ta' debitu civili bejn

l-imputat u l-kontendenti f'din il-kawza u mistoqsijiet dwar l-operat tal-imputat u xejn aktar.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Mark Anthony Randon hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**